Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Arthur Mercieca)

vs

Wayne Said

Jurgen Gatt

Kumpilazzjoni Numru: 226/2015

Illum, id-disgha u ghoxrin (29) ta' April, 2024

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Wayne Said** detentur tal-karta tal-identità b'numru 314591M u **Jurgen Gatt** detentur tal-karta tal-identità 234692M

Akkuzati talli nhar it-29 ta' Awissu 2014 ikkometta serq ta' vettura Mercedes bin-numru ta registrazzjoni ETM 555 ghad-dannu ta' Etienne Cassar u jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disghin Ewro u 24 centezmu il-(Euro 2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat, bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi volontarjament ikkagunaw xi hsara jew hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe ghamlu hsara fuq il-vettura ETM 555 ghad-dannu ta Etienne Cassar u jew persuni ohra liema hsara teccedi izjed minn elfejnu hames mitt euro (2500), **art 325 Kap 9**

U aktar talli gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament,

b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghom jew imexxuihom **art 334 Kap 9**

U aktar talli rrendew ruhhom recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huma ga nstabu hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula

Finalment jakkuża lil Jurgen Gatt talli ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A.Micallef Trigona LL.D. nhar il-14 ta' Novembru 2011

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat il-fedina penali tal-imputati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena 2018 fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jintalab li tinstab htija kontra l-imputati Wayne Said u Jurgen Gatt u cioè: -

1. Fl-artikoli 261(b), (c) u (g), 263, 264, 265, 267, 271, 278, 279 (b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31, 533 u 532A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi rat li wara li nqraw l-artikoli tal-Ligi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

## IKKUNSIDRAT

Illi semghet ix-xhieda tal-Ispettur Arthur Mercieca li pprezenta certifikati tat-twelid tal-imputati, il-fedini penali tal-imputati, zewg (2) stqarrijiet kif ukoll rapport. Oltre minn hekk l-Ufficjal Prosekutur jghid li fil-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena 2014 il-Pulizija rceviet rapport minghand il-parte civile Etienne Cassar fejn kien irrapporta li nsterqitlu trakk tal-ghamla Mercedes Actros bin-numru tar-registrazzjoni ETM-555 ta' lewn abjad bl-orangjo. Jghid li dan it-trakk allegatament gie nieqes gewwa l-qasam industrijali tal-Imriehel. Ikompli jghid li hu kien gie mghoddi ritratti mehuda minn CCTV fejn deher dan it-trakk mghobbi fuq tow-truck. Jghid ukoll li tali ritratti gie minn CCTV li jappartjeni lill-kumpanija Drop Chemicals.

Ikompli jghid li hu rrnexxielu jindaga fejn ittiehdet din il-vettura u cioè gewwa scrapyard gewwa l-Marsa. Ikompli jghid li hu sab il-fdalijiet ta' dan it-trakk fosthom il-gabina li tqattghet. Jghid li minn din il-gabina hu kien eleva sticker li minnha seta' jikkonkludi li tappartjeni lit-trakk misruq. Jixhed ukoll li kien hemm sticker li nstab in-numru tac-chassis u cioè WDB9540532K823055 filwaqt li sab ukoll kopja tal-assikurazzjoni fuq isem il-parte civile mahruga minn Fogg Insurance. Jghid li sab ukoll diversi dokumenti ohra bhal VRT li kkonfermaw li l-vettura ttiehdet ghal servizz barra minn Malta. Izid jghid li sid l-iscrapyard ikkonferma mieghu min kienu l-persuni li marru s'ghandu biex ibieghlu t-trakk ghall-hadid. Jghid li fuq it-trakk kien hemm sticker mahrug mill-Kunsill Lokali taz-Zejtun dan stante li tali Kunsill Lokali kien ghamel sejha sabiex jitnehha t-trakk minn fuq it-triq stante li kien ta' ngombru.

Izid jghid li hu kien baghat ghall-imputati fis-sitta (6) ta' Settembru 2014 fejn inghataw id-drittijiet taghhom skont il-ligi. Jghid li l-imputati qalulu li kienu raw it-trakk mertu tal-kawza fejn il-fabbriki tal-Imriehel u wara li saqsew ta' min hu kienu gabu l-approvazzjoni ta' rapprezentant tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi sabiex setghu jehduh. Jghid li wara li ghamel il-verifiki tieghu sab

li l-Kunsill Lokali qatt ma kienet tat din l-awtorizazzjoni. Jghid li tezisti procedura shiha sabiex trakk jigi mnehhi mit-triq li hija li l-Kunsill Lokali jew il-Pulizija jwahhlu sticker, jekk dan ma jitnehhiex fi zmien sebat (7) ijiem allura dan it-trakk jigi mnehhi a spejjez ta' sid il-vettura.

Ipprezenta wkoll Micro SD card li kien ghaddielu l-imputat Jurgen Gatt fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena 2014 waqt l-interrogatorju. Jghid li dan kien gie mghoddi ghandu sabiex jigi muri l-kondizzjoni tat-trakk mertu tal-kawza. Jghid li l-kundizzjoni tat-trakk tidher anke minn ritratti li jinsabu fuq l-istess Micro SD card liema ritratti gew prezentati wkoll mix-xhud.

Ipprezenta sentenza moghtija fis-sbatax (17) ta' Frar 2011 minn din il-Qorti kif diversement preseduta fil-konfront tal-imputat Wayne Said. Izid jghid li tali sentenza tistipula li l-imputat kien instab hati u ghalhekk wehel multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250). Ipprezenta wkoll sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement preseduta fil-konfront tal-imputat Jurgen Gatt fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena 2011. Jghid li l-imputat Jurgen

Gatt kien gie liberat kondizzjonalment li ma jikkommettix reat iehor ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza.

Xehed il-parte civile <u>**Etienne Cassar**</u> li jghid li f'Awwissu tas-sena 2014 kellu trakk tal-ghamla Mercedes Actros bin-numru ta' registrazzjoni ETM-555 ipparkjat gewwa propjetà privata l-Imriehel. Jghid li tali propjetà tappartjeni lill-familja ta' habib tieghu u cioè certu Cremona. Izid jghid li tali trakk kien mghotti bil-plastic stante li kien hemm bieba nieqsa. Jghid ukoll li hu kien qieghed jistenna sabiex jaslu partijiet li kellu bzonn biex isewwi t-trakk. Jixhed li jumejn wara ghadda minn hdejn din il-propjetà u sab li t-trakk kien gie nieqes. Izid jghid li minn hemm mar ghamel rapport gewwa l-ghassa ta' Hal Qormi.

Ikompli jghid li ddecieda biex idur u jsaqsi lin-nies jekk inzertawx it-trakk tieghu u fil-fatt jghid li nzerta wiehed ragel li kellu mahzen fil-vicin li qallu li nzerta dan it-trakk migbud minn skip-loader. Jghid li dan ir-ragel tah ritratti mehudin minn CCTV li juru dan it-trakk migbud minn skip-loader. Jixhed ukoll li l-ghada li ghadda dawn ir-ritratti lill-pulizija gie avzat li t-trakk mertu tal-kawza nstab. Jghid li hu gie muri mill-pulizija ritratti tal-vettura tieghu li

juru li l-istess trakk kien tqatta'. Izid jghid li t-trakk kien inxtara fis-sena 2003 ghall-ammont ta' tmintax-il elf Sterlina (£18,000).

Xehed **George Debono** li jghid li hu ghandu kumpanija bl-isem J&C Skips. Jikkonferma li hu kellu jirmonka trakk gewwa l-Imriehel. Jispjega li kien cempillu certu Abel li qallu biex jiltaqa' mal-imputati sabiex jghabbi trakk. Jixhed li dan it-trakk kien tal-ghamla Mercedes u li kien imkisser. Jghid li l-imputati qalulu li riedu jiehdu dan it-trakk ghand Abel (li jinsab gewwa l-Marsa) u ghalhekk tqabbad sabiex jghabbi l-istess trakk tramite s-skip-loader tieghu.

Xehed **Kenneth Brincat** inrapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi li jghid li hu jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-istess Kunsill Lokali. Jixhed li l-qasam industrijali tal-Imriehel jaghmel parti mill-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi. Izid jghid li kienu kellmuh zewg (2) zghazagh li nfurmawh li kien hemm vettura abbandunata gewwa l-Imriehel li kellha karta tal-Kunsill imwahhla. Jghid li wiehed (1) minn dawn iz-zghazagh kien l-imputat Jurgen Gatt. Ikompli jixhed li hu mar jivverifika din l-informazzjoni moghtija lilu fuq il-post u fil-fatt ikkonferma li fejn instab it-trakk

kien lil hinn mill-konfini ta' Hal Qormi filwaqt li tali karta mwehhla kienet tappartjeni lill-Kunsill Lokali taz-Zejtun. Jghid ukoll li t-trakk kienet go ghalqa privata.

Ikompli jghid ghalhekk kien ikkonferma ma' dawn iz-zewg (2) zghazagh li ma setax jaghtihom il-kunsens sabiex ikunu jistghu jiehdu dan it-trakk. Jghid ukoll li tali trakk kienet vettura kbira fejn il-parti ta' wara kienet nieqsa u ghalhekk dehret li kienet mitluqa u abbandunata.

Xehed <u>**Adolf Baldacchino**</u> inrapprezentanza ta' Jack Steel Ltd fil-kapacità ta' Operations Officer li jghid li kien ircieva vettura tal-ghamla Mercedes Actros permezz ta' trakk tat-towing. Jghid li tali vettura kienet giet zarmata u wara li giet mghaffga intbaghtet it-Turkija. Jghid li meta accedew fuq il-post il-pulizija sabu l-gabina tat-trakk. Filwaqt li jikkonferma r-ritratt esebit immarkat Dok. AM5, jixhed li fuq dan it-trakk partikolari kien marru jkellmuh dwaru l-imputati. Jghid li huma kienu qalulu li l-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi kienu qabbduhom sabiex inaddfu bitha gewwa l-Imriehel. Izid jghid li huma saqsewh kif setghu jigbdu t-trakk inkwistjoni u ghalhekk issuggerixxa li jitqabbad tow-truck li kellu

certu George li huwa sottokuntrattur tal-istess xhud u li huwa bniedem affidabbli. Jixhed li hu kien taht l-impressjoni li kollox sar bil-barka tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi. Jghid li fil-fatt it-trakk kellu karta mwahhla li tappartjeni lill-Kunsill Lokali.

Jixhed li kien l-imputat Jurgen Gatt li kien qallu li kien hemm prezenti mal-gbir tat-trakk xi hadd mill-Kunsill Lokali. Izid jghid li hu qatt ma kkomunika mal-Kunsill. Jixhed ukoll li kienet saret tranzazzjoni mal-imputati ghall-hadid tat-trakk mertu tal-kawza fl-ammont ta' bejn tliet mitt ewro (€300) u hames mitt ewro (€500). Jghid li mhuwiex cert li tali ammont thallasx tramite cekk jew inkella flus kontanti.

Xehed <u>**Emanuel Felice**</u> li gie nominat bhala espert minn din il-Qorti fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena 2016. Ipprezenta relazzjoni mmarkata bhala Dok. EF1. Jghid li tali relazzjoni tikkonkludi li l-valur tal-vettura mertu tal-kawza jammonta ghal hamest elef u hames mitt ewro (€5,500) u dan stante l-fatt illi l-vettura nstabet nofsha zarmata b'diversi bicciet neqsin bhal per ezempju l-bibien, il-fanali, il-bumper, it-tank tal-fuel, air lines, il-pajpijiet tal-fuel,

kif ukoll ir-roti ta' wara. Izid jghid li tali relazzjoni saret minn dak li seta' jara minn filmat ta' CCTV.

Xehed Paul Magro li jghid li kien ikkomunika mieghu l-parte civile Etienne Cassar u saqsieh jekk xtarax magna li tappartjeni lil trakk tal-ghamla Mercedes. Jghid li filwaqt li ma xtarax magna ta' dik it-tip kien cempillu individwu iehor li saqsih jekk riedx jakkwista tali magna. Jghid li Etienne Cassar kien qallu li kellu trakk li nsteraqlu u li seta' kien il-kaz li l-magna ta' dak it-trakk inbiegh lill-kumpanija tieghu.

Xehed Andrew Cremona li jghid li l-familja ta' missieru ghandha bicca art l-Imriehel li tahbat fil-kantuniera ta' Triq il-Birrerija. Izid jghid li Etienne Cassar huwa habib tieghu. Jixhed li Etienne Cassar kien talbu post sabiex jipparkja t-trakk tieghu tal-ghamla Mercedes Actros u li kien tah tali permess. Izid jghid li jaf li dan it-trakk gie misruq. Jghid ukoll li hu ilu jiehu hsieb dan l-art ghal dawn l-ahhar hames (5) snin. Jghid ukoll li hu beda jdur mal-fabbriki fil-vicinanzi biex jindaga jekk kienx hemm xi hadd li kellu filmat mehud minn CCTV li juri li sehh l-allegat serq. Jghid ukoll li kien hemm kumpanija wahda (1) li pprovdiet tali filmat u li dan l-

istess filmat juri trakk mghobbi fuq skip-loader ghal habta ta' bejn is-siegha ta' wara nofsinhar u l-erbgha ta' wara nofsinhar. Tali kumpanija li pprovdiet il-filmat kienet Ferralco Ltd. u li sid din il-kumpanija huwa l-inginier Grech. Izid jghid li mhux qieghed jaghraf l-imputati.

Xehed **Carmel Grech** li jghid li huwa negozjant u li huwa sid il-kumpanija Ferralco Ltd li tinsab gewwa Triq il-Birrerija, l-Imriehel. Jixhed li quddiem tali kumpanija hemm ghalqa ta' habib tieghu certu Cremona u li darba minnhom xi hadd halla trakk gol-istess ghalqa. Jghid li madwar gimgha wara xi hadd gie bi truck loader u ghabba dan it-trakk l-antik. Jghid li eventwalment gie sid it-trakk l-antik li saqsih dwar tali trakk u jekk kienx ra lil xi hadd li hadu. Izid jghid li kellu filmat mehud minn CCTV tal-kumpanija tieghu liema filmat gie pprezentat mix-xhud.

Rega' xehed **Emanuel Felice** riprodott mid-difiza inkontroezami li jghid li fl-espletazzjoni tal-inkarigu tieghu hu ma rax it-trakk fizikament izda li mexa fuq il-filmat esebit a fol. 55 tal-atti processwali. Jghid li tramite ricerka li ghamel seta' jikkonkludi li t-trakk tal-ghamla Mercedes Actros jammonta ghal valur ta' tnax-il

elf ewro (€12,000). Jispjega li hu ghandu sistema bl-isem ta' Glass Matics u li din is-sistema jipprovdilu l-valuri tal-karozzi u l-vetturi ta' madwar id-dinja. Jixhed ukoll li bl-ghajnuna tal-filmat a fol. 55 seta' jara liema kienu l-partijiet neqsin mit-trakk, jivvalutahom u jnaqqas tali valur minn dak ta' tnax-il elf ewro (€12,000). Izid jghid li s-sistema disponibbli ghalih Glass Matics jipprovdilu l-prezzijiet tal-partijiet. Jispjega li l-ammont gie daqshekk gholi stante li l-partijiet neqsin huma rari u li ma ssibhomx fis-suq.

Jixhed ukoll li fil-Micro SD card sab file fejn gie indikat tramite filmati u ritratti li l-vettura mertu ta' din il-kawza hija klassifikata bhala wahda abbandunata. Jghid li din il-klassifikazzjoni tohrog minn stiker imwahhal fuq il-karozza mill-Kunsill Lokali.

Rega' xehed **Kenneth Brincat** riprodott mid-difiza inkontroezami li jghid li ma jiftakarx jekk kienx ikkonferma mal-imputati li t-trakk mertu tal-kaz odjern kienx abbandunat. Jixhed ukoll li ma jiftakarx jekk l-ghalqa kellhiex hajt jew le. Izid jghid li ma jiftakarx jekk l-imputati kinux cemplu ghat-tow truck quddiemu.

Xehed l-imputat <u>**Wayne Said**</u> li jghid li hu kien saqsa lil tal-fabbrika li jbieghu s-sapun tal-hwejjeg dwar trakk li kien ta' ngombru got-triq. Jghid li t-trakk mertu tal-kawza kien gewwa l-Imriehel hdejn il-fabbriki. Jghid ukoll li meta saqsa lil tal-fabbrika dwar it-trakk qalulu li dan it-trakk kien abbandunat. Izid jghid li ghalhekk saqsa lill-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi jekk ghandhomx amment ta' min hu tali trakk. Jghid li certu Kenneth Brincat tal-Kunsill Lokali kien fil-fatt mar fuq il-post mal-imputati sabiex jara ta' min hu t-trakk mertu ta' dawn il-proceduri. Jixhed li Kenneth Brincat ikkonkluda maghhom li t-trakk kien mormi u li setghu jehduh. Jghid ukoll li minn hemm marru ghand tal-hadid sabiex jaqbdu tow-truck u jiehdu l-vettura abbandunata ghand tal-hadid.

Jghid li prova ta' din il-laqgha ma' Kenneth Brincat tezisti fil-filmat ipprezentat u dana jekk wiehed imur lura nofs siegha qabel ma ttiehdet il-vettura mertu tal-kawza. Jixhed li hu ilu jahdem fuq il-hadid ghal zmien twil u fil-fatt hu u Jurgen Gatt xtaqu jaraw lil min tappartjeni din il-vettura sabiex ikunu jistghu jixtru l-istess vettura min ghand sidha. Izid jghid li hu kemm-il darba hadem ma' Jurgen Gatt u dan ghar-raguni sabiex it-tnejn li huma jaghmlu naqra qligh minn bejgh ta' hadid. Jghid li hu mar mal-imputat Jugen Gatt

sabiex jiskopru lil min tappartjeni din il-vettura u dan biex ikunu jistghu jixtruha u jbieghu l-hadid. Izid jghid li kienu hadu parir minghand Adolf Baldacchino sabiex juzaw tow-truck biex jittrasportaw it-trakk.

**IKKUNSIDRAT**

Illi din il-kawza tittratta dwar allegat serq ta' trakk gewwa l-Imriehel liema trakk kien jappartjeni lill-parte civile Etienne Cassar fejn l-allegat reat twettaq fuq propjetà privata. Oltre` minn hekk ma kien hemm hadd fuq il-post meta sehh l-allegat reat u ghalhekk kif jirrizulta mill-atti processwali hadd ma ra lill-imputati jwettqu dan id-delitt li bih jinsabu akkuzati. Da parti taghhom l-imputati wiegbu ghad-domandi li sarulhom waqt l-interrogazzjoni filwaqt li kien biss l-imputat Wayne Said li xehed f'dawn il-proceduri.

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud**[1] gie ritenut is-segwenti:

---

[1] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-*

*cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li l-allegat fatt gie kommess mill-imputati odjerni. Dan ghaliex johrog bic-car kemm mix-xhieda li ta l-imputat Wayne Said, kif ukoll mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni kollha ghandhom verzjonijiet li jikkorroboraw ma' xulxin u li fl-ahhar mill-ahhar iqieghdu lill-imputati fuq il-post fejn sehh ir-reat. Fuq dal-punt referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija mill-parte civile Etienne Cassar, Kenneth Brincat, u Adolf Baldacchino fost ohrajn.

Illi din il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija minn Kenneth Brincat hija wahda krucjali fis-sens li hu stess jikkonferma li l-vettura inkwistjoni kienet abbandunata:

*"Pros:* *Jigifieri lilek as such x'kienu saqsewk dawn it-tnejn min-nies?*

*Qorti:* *Biex taghmel xiex?*

*Xhud:* *Le huma primarjament kienu gew qaluli biex jiehdu l-vettura imma jiena peress li mhix fil-konfini tieghi ma nistax naghtihom ordni biex jehduha, kienet abbandunata zgur.*[2]*"*

[2] Emfazi ta' din il-Qorti

Illi l-akkuza li tressqet mill-prosekuzzjoni hi dik ta' serq aggravat bl-ammont. Referenza partikolari ssir ghall-Artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Il-hati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jehel –*

*(b) jekk il-valur tal-haga misruqa jkun izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin"*

Illi din il-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak li kkonkluda l-espert mahtur Emanuel Felice fir-relazzjoni tieghu[3] fejn jikkonkludi:

*"... il-valur tal-vettura bin-numru tal-identita ` irregistrat* ****WDB9540532K823055**** *illi giet meqruda ghal skop tar-riciklagg tal-materjali taghha stess fl-opinjoni umli tas-sottofirmat, qed jigi stmat ghal* ***hames t'elef u hames mitt ewro (€5,500).****"*

[3] Fol. 241

Minkejja li giet stabbilita tali valur din il-Qorti xorta wahda thoss li l-prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova l-kaz taghha a rigward ir-reat ta' serq aggravat bil-valur u dan stante diversi fatturi fosthom il-fatt li l-istess rapport tal-espert Emanuel Felice jikkonkludi li l-vettura mertu tal-kawza kienet abbandunata.

Illi d-difiza mressqa mill-imputati hija li t-trakk kien fi stat ta' abbandun u b'hekk is-sid u cioè Etienne Cassar kien irrilaxxa kwalunkwe pretensjoni li kellu fuqu. Din il-Qorti hija kostretta li taqbel ma' din id-difiza u dan kif ser jigi spjegat.

Illi referenza qieghda ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Charlot Calleja</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena 2023:

> *"Illi fir-rigward ta' dak sollevat fit-tieni aggravju, din il-Qorti taqbel mad-dottrina u gurisprudenza assodata li ma jintegrax ir-reat ta' serq meta xi hadd japproprja ruhu minn res nullius jew res derelictae. Jekk persuna tapproprja ruhha minn oggett li jkun instab f'cirkostanzi li juru li dak l-oggett kien abbandunat minn sidu ma jistax jitqies li jkun twettaq ir-reat tas-serq. Minkejja dan, jekk fil-mument*

*tal-att ta' approprjazzjoni c-cirkostanzi juru li l-oggett ikun res aliena u ghalhekk li jkun hemm persuna li tkun ghadha tippossjedi dan l-oggett f'dak il-mument, allura l-persuna li tapproprja ruhha minn dan l-oggett mhux taghha, minghajr dritt fuqu u minghajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oggett.*

*Illi biex l-oggett ikun jista' jitqies li huwa res derelictae dan l-oggett irid jinstab f'cirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oggett jibqa' fil-partimonju tieghu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minhabba l-post fejn ikun jinstab oggett jew minhabba l-qaghda u l-kondizzjoni tieghu, wiehed jista' jifhem li dan l-oggett ma kienx abbandunat, izda li jista' jkun hemm xi hadd li jkun ghadu, b'xi mod, jippossjedih jew li ghandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd ghal dak l-oggett tapproprja ruhha minnu, din tkun passibbli ghar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruhha mir-responsabilita' ghar-reat ta' serq ta' dan l-oggett, hi trid*

*turi li c-cirkostanzi genwinament geghluha temmen li l-oggett li kienet approprjat ruhha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oggett ma jappartjeni lil hadd.*

*Illi biex oggett jitqies li jkun abbandunat u li ghalhekk ma hu ta' hadd, irid jintwera li l-oggett kien ġie abbandunat minn sidu b'mod li c-cirkostanzi jkunu juru li sidu nehha minn idejh il-pussess tal-oggett u li jkun irrinunzja ghall-jedd ta' sid fuq l-istess oggett. Jekk dawn ic-cirkostanzi ma jirrizultawx allura jkun jista' jikkonfigura r-reat ta' serq. Dan peress li l-element formali fir-reat tas-serq jehtieg l-gharfien tal-agent li japproprja ruhu, ossia jikkontretta dolozament il-proprjeta ta' haddiehor. Huwa biss l-izball genwin li jista' jitnissel meta c-cirkostanzi jkunu juru, b'mod car u inekwivokabbli li l-oggett kien abbandunat minn sidu jew li l-oggett kien jappartjeni lilu, li din l-intenzjoni ma titqiesx integrata. Ezempju li juri meta jista' jkun hemm dan l-izball genwin huwa meta l-oggett ma jittehidtx bil-mohbi, jew inkella meta dak li jkun ma jippruvax jahbi li huwa ha dak l-oggett.*

*Illi jkun opportun li ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gianluca Carabott** (Numru 205/2019) moghtija fit-23 ta' Gunju 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta li ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija fit-30 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Xuereb et** fejn inghad hekk:*

> *"Hu pacifiku fil-gurisprudenza li min isib oggetti f'post pubbliku f'cirkostanzi tali li wiehed jista' jifhem li dawk l-oggetti mhumiex abbandunati u japproprja ruhu minnhom, jikkommetti serq.""*

Illi din il-Qorti qieghda tabbraccja dan ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell u taghmlu taghha. Il-Qorti fil-fatt tirrileva li l-parte civile ma ressaq ebda prova dokumentarja li huwa sid il-vettura tal-kawza odjerna, filwaqt li Andrew Cremona naqas ukoll milli jipproduci prova lil hinn minn kull dubju li huwa sid tal-ghalqa fejn kien gie allegatament misruq it-trakk.

Illi x-xhieda moghtija mill-imputat Wayne Said fis-seduta datata tletin (30) ta' Jannar tas-sena 2023 toffri serhan il-mohh lil din il-

Qorti li fil-verità l-imputati ma kellhomx il-*mens rea* sabiex jikkommettu dak li qieghed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni. Huwa principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezent kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi r-regola generali fid-dritt penali hija li *"actus non facit reum, nisi mens sit rea"*. Di fatti **l-Professur Mamo** jghid hekk fin-noti tieghu:

> *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim: "actus non facit reum, nisi mens sit rea". The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the material and the formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal*

*condition, on the other hand, is the "mens rea", or guilty mind, with which the act is done."*

Illi fuq dan il-punt ix-xhieda moghtija minn Kenneth Brincat a fol. 42 tal-atti processwali iktar tikkonferma bic-car li l-imputati kienu ggwidati li jikkonkludu li l-vettura kienet abbandunata u dan stante prezenza ta' sticker prezenti u mwahhla mill-Kunsill Lokali taz-Zejtun.

Illi ghalhekk din il-Qorti mhix sejra ssib htija fuq l-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrihom stante nuqqas ta provi.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi akkuza ohra li tressqet mill-prosekuzzjoni hi dik ta' hsara volontarja hekk sancit mill-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull min, b'mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament*

*ihassar, jaghmel hsara jew igharraq hwejjeġ haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel, meta jinsab hati –*

*a. jekk l-ammont tal-hsara ikun izjed minn elfejn u hames mitt euro (€2,500), il-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin;*

Illi x-xhieda moghtija minn Adolf Baldacchino hija krucjali u dan fis-sens li kkonferma li rcieva t-trakk mertu tal-kawza u li kien anke ghaffeg tali trakk. Il-Qorti tirrileva però li l-prosekuzzjoni ma ressqitx prova definittiva li turi l-ammont ta' hsara li sehh fuq il-vettura. Riferenza qieghda ssir a fol. 51 tal-atti processwali fejn intqal hekk:

*"Pros: Mela minn dak li tiftakar inti din it-transazzjoni partikolari taf tghidilna kemm kienet?*

*Xhud: … bejn tliet mija (300), kien bejn tliet mija (300) u hames mija (500), ma jiswiex iktar.*

*Pros: Bhala valur illi intom tajtu …*

*Xhud: Bhala scrap mhux bhala trakk.*

*Pros:* *U inti dawn il-flus dwar din it-transazzjoni tiftakar lil min gew mghoddija?*

*Xhud:* *It-tnejn li huma f'daqqa kienu.*

*Pros:* *U thallsu …*

*Xhud:* *Cash jew cheque, nahseb cash.*

*Pros:* *M'intix hundred per cent cert?*

*Xhud:* *Le, le m'iniex cert."*

Illi oltre' minn hekk gie kkonfermat kemm-il darba minn diversi xhieda li l-vettura mertu tal-kawza kienet fi stat ta' abbandun u b'diversi partijiet neqsin tant li ma setghetx tiffunzjona.

Illi l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li l-imputati kienu kkonfermaw fl-istqarrija taghhom li kien gie mghoddi pagament tramite cekk minghand Adolf Baldacchino izda l-prosekuzzjoni b'din l-informazzjoni naqset milli tikkonferma dan. Ghalhekk skontrat b'dan id-dubju l-Qorti mhix sejra ssib htija a rigward ir-reat ta' hsara volontarja fuq il-propjetà privata.

**IKKUNSIDRAT**

Illi a rigward ir-reat ta' ricettazzjoni jinghad illi l-unika haga certa f'dawn il-proceduri hu li l-imputat gie misjub mill-pulizija fil-pussess ta' certi oggetti li wara gew identifikati minn rapprezentanti ta' Polidano Group bhala li jappartjenu lilhom f'parti minnhom.

Illi d-definizzjoni legali tar-reat ta' ricettazzjoni tinsab fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 334 li jghid hekk:

> *"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati -*
>
> *(a) jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-haga;*
>
> *(b) jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm;*

*(c) jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja:"*

Illi l-principji tar-reat ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Darren Debono</u> deciza fil-15 ta' Jannar 2009 intqal is-segwenti:

*"... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*

*1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002]).*

Illi l-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita' tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi ndizjarji. L-istess fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija vs. John Briguglio</u>** deciza fl-24 ta' Gunju 1961 (per Harding J.) kien gie ritenut li:

> *"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie wkoll ritenut li dan l-element formali tar-reat indizamina jkun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett filwaqt li jkollu jew inkella jmissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu u b'dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-

persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu.[4]

In linja ma kif jghid l-awturi **Kenny**:

> *"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ...when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

Illi l-awtur Ingliz **Archbold** fil-ktieb **Criminal Pleading, Evidence and Practice**[5], qal hekk:-

[4] ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. J. Briguglio** [24.6.1961]; ***Il-Pulizija vs. John Dimech*** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. George Tabone** [24.6.1961] u **Il-Pulizija vs. Tancred Borg** [26.10.1998].

[5] 1997, paras. 21-125, 21-126.

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen....The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*Every case depends on its own facts. .... It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."*

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti gialadarba ma sabitx htija fuq ir-reat ta' serq stante nuqqas ta' *mens rea* wisq anqas ma tistax issib htija fuq ir-reat ta' ricettazzjoni stante l-istess element intenzjonali ma kienx prezenti anke ghal dan ir-reat.

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Illi l-imputati gew akkuzati wkoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm gewipprezentati diversi sentenzi a rigward dan l-aggravju, madanakollu l-ebda persuna ma kkonfermat li dawn is-sentenzi

llum il-gurnata huma definittivi u *res judicata*. Illi ghalhekk dan l-aggravju ma giex ippruvat.

Illi ghar-rigward il-hames (5) akkuza, u cioè dik ta' ksur tal-kundizzjonijiet waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni tal-Probation, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova necessarja sabiex tipprova li tali kundizzjonijiet kienu in vigore fid-data tal-allegat reat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputati **Wayne Said** u **Jurgen Gatt** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom stante nuqqas ta' provi u kwindi tilliberahom minn kull osservanza u piena.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**